

Brussell, 18 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11480/22

AGRI 343
AGRIFIN 80
FIN 836
ENV 760

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	18 ta' Lulju 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10997/22	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 20/2021 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat: "L-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura: huwa aktar probabbli li l-fondi tal-PAK jippromwovu użu akbar tal-ilma milli użu aktar effiċjenti" - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

Rapport Speċjali Nru 20/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat: "L-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura: huwa aktar probabbli li l-fondi tal-PAK jippromwovu użu akbar tal-ilma milli użu aktar effiċjenti"

adottati mill-Kunsill fit-3890 laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Lulju 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

Rapport Speċjali Nru 20/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat:

"L-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura: huwa aktar probabbli li l-fondi tal-PAK jippromwovu użu akbar tal-ilma milli użu aktar effiċjenti"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JINNOTA r-Rapport Speċjali Nru 20/2021 tal-Qorti bit-titlu *"L-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura: huwa aktar probabbli li l-fondi tal-PAK jippromwovu użu akbar tal-ilma milli użu aktar effiċjenti"*, li jiffoka fuq l-impatt tal-agrikoltura fuq l-istat kwantitattiv tal-korpi tal-ilma u jeżamina sa liema punt id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD)¹ u l-Politika Agrikola Komuni (PAK) jippromwovu l-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura;
2. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni dwar: ġustifikazzjonijiet tal-livelli tal-ipprezzar tal-ilma u tal-eżenzjonijiet mir-rekwiżiti għal awtorizzazzjonijiet għall-astrazzjoni tal-ilma fil-kuntest tad-WFD; rabtiet bejn il-pagamenti tal-PAK mal-istandards ambjentali dwar l-użu sostenibbli tal-ilma; u l-proġetti ffinanzjati mill-UE fil-kuntest tal-kisba tal-oġġettivi tad-WFD;
3. JISSOTTOLINJA li l-astrazzjoni tal-ilma għall-agrikoltura naqset bħala riżultat ta' leġiżlazzjoni aħjar dwar l-ippjanar tal-ilma bħad-WFD u t-titjib tal-ġestjoni tal-irrigazzjoni kif promoss fil-PAK iżda li l-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma għadha għolja minħabba ż-żieda fid-domanda għall-ilma b'konsegwenza għat-tibdil fil-klima, b'temperaturi medji li qed jogħlew u eventi ta' temp estrem aktar spissi (inkluż nixfiet);

¹ Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, pp. 1-73).

4. JILQA' s-sejbiet tal-Qorti li l-Istati Membri għamlu progress fl-istabbiliment ta' sistemi ta' awtorizzazzjoni minn qabel għall-astrazzjoni tal-ilma, sistemi għad-detezzjoni tal-użu illegali tal-ilma u mekkaniżmi ta' pprezzar bil-potenzjal li jinċentivaw l-effiċjenza fl-użu tal-ilma u JINNOTA l-osservazzjonijiet tal-Qorti fir-rigward ta' eżenzjonijiet għall-bdiewa għall-astrazzjoni tal-ilma, inkluż fir-reġjuni taħt stress idriku, u l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-irkupru tal-ispejjeż għas-servizzi tal-ilma fl-agrikoltura, fejn hemm lok għal titjib, skont il-Qorti;
5. IFAKKAR li l-implimentazzjoni tad-WFD tiġi żgurata mill-Istati Membri permezz tal-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-astrazzjoni tal-ilma, li l-pagamenti rilevanti tal-PAK iridu jikkonformaw magħhom, u li l-ekoloġizzazzjoni tal-pagamenti diretti tista' tippromwovi prattiki, bħall-ħarsien tal-bwar permanenti u d-diversifikazzjoni tal-għelejjel, li jistgħu jwasslu għal tnaqqis fl-użu tal-ilma;
6. JENFASIZZA li l-Istati Membri huma affettwati b'mod differenti mill-iskarsezza tal-ilma, kif jidher fir-rapport tal-Qorti, u li hemm bżonn li jiġu implimentati soluzzjonijiet xierqa fil-livell nazzjonali jew reġjonali (inkluż permezz tal-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċiri tax-Xmajjar u appoġġati mill-Pjanijiet Strateġiċi futuri tal-PAK) u għalhekk huma r-responsabbiltà tal-Istati Membri;
7. IĦEĠĠEĠ l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tad-WFD u l-iskambju ta' prattiki tajbin sabiex jittejjbu l-applikabbiltà u l-effettività ta' dawn is-soluzzjonijiet;
8. IFAKKAR UKOLL li l-PAK għall-perjodu 2023-2027 issaħħaħ il-koerenza bejn il-PAK u d-WFD; il-PAK ser tappoġġa l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva permezz ta' diversi strumenti, bħar-rabta tal-pagamenti rilevanti kollha tal-PAK mal-osservanza tar-regoli nazzjonali li jimplimentaw ċerti rekwiżiti tad-WFD² permezz ta' kundizzjonalità msaħħa u finanzjament ta' investimenti (l-iżvilupp rurali u tipi oħra ta' intervent fis-settur tal-frott u tal-ħxejjex) b'effetti ta' benefiċċju għas-sostenibbiltà tal-użu tal-ilma;

² Ara l-Artikolu 11(3), il-punt (e) dwar l-estrazzjoni tal-ilma, u l-punt (h), fir-rigward tar-rekwiżiti obligatorji biex jiġu kkontrollati s-sorsi ta' tixrid ta' tniġġis minn fosfati tad-Direttiva 2000/60/KE.

9. JINNOTA li, skont id-dispożizzjonijiet tal-PAK għall-perjodu 2023-2027, l-Istati Membri ser ikollhom iqisu fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom il-leġislazzjoni u d-dokumenti dwar l-ippjanar elenkati fl-Anness għar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, inkluż id-WFD u l-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċiri tax-Xmajjar (RBMPs), u l-Pjan tagħhom għandu, pereżempju, jistipula kif l-investimenti fl-irrigazzjoni jkunu konformi mal-oġettivi tad-WFD biex jintlaħaq stat tajjeb tal-ilma;
10. JINNOTA l-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti dwar:
- it-talba ta' ġustifikazzjonijiet għal eżenzjonijiet għall-implimentazzjoni tad-WFD fl-agrikoltura;
 - ir-rabta bejn il-pagamenti tal-PAK u l-konformità mal-istandards ambjentali, madankollu, mingħajr l-estensjoni tal-kundizzjonalità għal pagamenti tal-PAK li ma jingħatawx direttament lill-bdiewa, bħal pagamenti skont l-Organizzazzjoni Komunitas-Swieq, u mingħajr l-inklużjoni ta' salvagwardji addizzjonali fil-PAK fir-rigward tal-pagamenti ta' Appoġġ Akkoppjat Volontarju (VCS), peress li l-implimentazzjoni tajba tad-WFD diġà tiżgura l-użu sostenibbli tal-ilma għall-għelejjel u l-kundizzjonalità torbot flimkien il-pagamenti tal-PAK u l-pożizzjonijiet rilevanti tad-WFD³;
 - l-użu tal-fondi tal-UE biex jittejjeb l-istat kwantitattiv tal-korpi tal-ilma.
-

³ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 2.